MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1116/1994/1

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli**
**fil-kwalita` tieghu bhala madatarju**
**specjali tal-assenti Konstantinos Kostopoulos**

**vs**

**1. L-Avukat Dottor Joseph Bonnici u l-P.L. Hilda Ellul Mercer**
**li b'digiret tat-18 ta' Awissu 1994 gew nominati kurturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti Stylianos sive**
**Styl Prokidis.**

**2. Ir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali.**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza taghha moghtija fl-14 ta' Jannar 2002 (fejn hemm migjuba t-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll is-sentenza appellata, cjoe` dik moghtija mill-onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Mejju 1995) u fejn bl-istess sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 2002 l-appell intavolat mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine gie michud bl-ispejjez, inkwantu jolqot l-ewwel aggravju dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-kontendenti dwar il-meritu tal-aggravji tal-appell li baqa' pendenti.

Ikkunsidrat:

1. Jixraq li jinghata l-isfond tal-kwistjoni involuta fil-kawza. Bazikament il-kawza hi bazata fuq l-artikolu 125(b) tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap 168). Hija intiza principalment biex l-appellant Prokidis jitnehha minn Direttur tas-socjeta` registrata f'Malta bl-isem ta' GLOVEGOLD SHIPPING LIMITED, minhabba li Prokidis gie misjub hati fil-Grecja ta' reati kriminali b'diversi sentenzi. Ikun utili li dan l-artikolu jigi citat:
125. Persuna ma tkunx kwalifikata li tinhatar jew ikollha l-kariga ta' direttur ta' kumpanija jekk –
(a) .......
(b) tkun instabet hatja ta' xi wiehed mir-reati li jirrigwardaw il-fiducja pubblika jew serq jew frodi jew ir-ricettazjoni ta' proprjeta` miksuba b'serq jew frodi li ssir xjentement.

2. Kif spjega tajjeb l-appellant il-kontendenti Konstantinos Kostopoulos u Stylianos Prokidis kienu fid-data li gew istitwiti dawn il-proceduri l-unici zewg diretturi fis-socjeta` Glovegold Shipping Limited, liema socjeta` hija l-propjetarju tal-bastiment m.v. "ANTHENOR EXPRESS" li ghandu bandiera Maltija. L-ebda wiehed mill-kontendenti ma huma azzjonisti f'din is-socjeta`; in fatti l-azzjonisti fis-

socjeta` huma Glovegold Limited, socjeta` registrata l-Ingilterra li ghandha 499 ishma filwaqt li Dottor Tonio Fenech huwa titolarju tas-sehem l-iehor. L-azzjonista principali imbaghad ta' Glovegold Limited hija socjeta` ohra registrata l-Ingilterra bl-isem "Corporation Link Ocean carriers (UK)", u hija biss f'din l-ahhar socjeta` li l-kontendenti ghandhom ishma indaqs u direttament fiha.

3. L-aggravju dwar l-allegat nuqqas ta' gurisdizzjoni gie, kif ghedna michud bis-sentenza ta' din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 2002. L-aggravji l-ohra sollevati fir-rikors ta' l-appell sejrin jigu konsidrati fl-ordni li jissemmew fl-istess rikors t'Appell.

**I. <u>L-aggravju bazat fuq l-allegata illegittimita` tal-persuna ta' l-attur</u>**

4. Kif ghamel quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, l-appellant Prokidis qieghed jinsisti li l-attur appellat Kostopoulos <u>de proprio</u> ma setax jistitwixxi l-kawza odjerna ghaliex ma ghandux dritt ta' azzjoni f'dan ir-rigward, u semmai, tali azzjoni kienet tispetta lis-socjeta` direttament involuta, Glovegold Shipping Limited. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni ta' l-allegata illegittimita` tal-persuna ta' l-attur. Minflok, qablet mat-tezi ta' l-attur li, la l-artikolu 125(b) tal-Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta ma jispecifikax min ghandu d-dritt ta' azzjoni, isegwi li kull persuna li ghandha l-interess mehtieg tista' tavvanza tali azzjoni. L-ewwel Qorti irriteniet ukoll li l-interess tal-attur jirrizulta wkoll mill-fatt li "huwa wkoll *the ultimate beneficial owner* tan-nofs l-assi socjali".

5. Normalment, direttur jigi mnehhi mill-kariga tieghu b'risoluzzjoni fil-kumpanija. M'hemmx dubju wkoll li s-socjeta` tista' tagixxi biex tnehhi direttur taghha fuq il-bazi tal-iskwalifiki li jsemmi l-artikolu 125 tal-Kap. 168. L-istess azzjoni tispetta wkoll lir-Registratur tas-socjetajiet li ghandu dmir li jara li persuna li tigi kolpita b'dawk l-iskwalifiki statutorji ma tibqax fil-kariga. Fil-kaz odjern, meta si tratta ta' kumpanija li fiha l-kontendenti <u>it-tnejn</u> huma diretturi, <u>it-tnejn</u> ghandhom singolarment lir-rapprezentanza guridika tal-kumpanija u <u>t-tnejn</u> (in fin dei

conti, u jekk thares minn gewwa l-“corporate veil” ta’ zewg kumpaniji esteri) huma fil-prattika s-sidien indaqs tal-kumpanija Maltija in kwistjoni, l-azzjoni biex tigi intavolata kawza ai termini tal-art. 151 tista’ tispetta wkoll lill-attur, qua direttur tas-socjeta`. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, li hija wkoll kondiviza minn din il-Qorti, fil-fattispecji partikulari tal-kaz. Kieku l-attur intavola din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` in kwistjoni, il-konvenut, li wkoll, kif rajna, <u>wkoll</u> ghandu r-rappresentanza guridika tal-kumpanija, kellu l-fakolta` seta’ ‘jezercita l-fakolta`’ f’din l-ipotesi, li jcedi l-istess kawza u b’hekk iwaqqaf l-proceduri kollha.

6. Inoltre, din il-Qorti jidhrilha li l-attur wera li ghandu interess reali dirett u personali li jaghmel din il-kawza. Infatti rrizulta a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-prezenza tal-appellant bhala direttur kienet qed tfixkel in-negozju tal-kumpanija. Tant hu hekk li meta f’Gunju 1993 l-appellat kien qieghed fi trattattivi ma’ Bank Grieg biex javanzalu kreditu tal-kumpanija biex ikun jista’ jixtri vapur, il-Bank waqqaf hesrem it-trattativi kollha meta sar jaf li l-appellant kien direttur ukoll tal-kumpanija. Il-Bank ta lill-appellat x’jifhem li l-appellant kien “persona non grata” u li kien gie “black listed”. Wara rrizulta li r-raguni kienet wahda evidenti u cioe` l-ezistenza ta’ l-imsemmija sentenzi kriminali li gew pronunzjati fil-Grecja kontra l-appellant. Huwa veru li f’dan il-kaz il-pregudizzju dirett sofrietu l-kumpannija li tilfet in-negozju, izda din il-Qorti m’ghandiex dubju li l-ombra waqghet ukoll fuq l-appellat personalment. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju tal-appellant ma huwiex gustifikat billi jidher car li l-appellat kellu d-debitu interess u l-locus standi li jezercita l-azzjoni in kwistjoni.

**II. <u>L-aggravji dwar il-meritu</u>**

7. L-appellant jillamenta li l-Qorti ta’ l-ewwel grad illimitat l-indagni u l-analisi taghha dwar is-sentenzi kriminali esteri ghall-aspett purament fattwali u rrinunzjat ghal kollox ghall-poteri taghha li tinvestiga certi aspetti fondamentali fil-mod li gew ottjenuti dawk l-istess sentenzi u dan nonostante li, fi kliem l-ewwel Qorti, l-proceduri esteri “jipprestaw ruhhom ghall-kritika partikolari

specjalment fuq il-mod kif saret in-notifika”. L-appellant jissottometti li t-tezi tieghu kien u ghadu li indubbjament is-sentenzi esteri jidhru li bhala fatt gew moghtija kontra tieghu izda fihom infishom la jikkostitwixxu prova li huwa kkommetta frodi jew reat kontra l-fiducja pubblika u f’kaz li l-Qorti jidhrilha li dawn jistghu jittiehdu bhala prova ta’ frodi, xorta wahda din il-prova ghandha tigi skartata ghaliex giet ottjenuta taht cirkostanzi anomali. L-appellant sostna li a bazi ta’ principji ta’ gustizzja naturali u ta’ ordni pubbliku l-istess sentenza kriminali ghandhom jigu njorati.

8. L-appellant jikkritika l-ewwel Qorti ghaliex, skond hu, messha ghaddiet is-sentenzi kriminali li inghataw kontra tieghu fil-Grecja “mill-gharbiel” tal-artikolu 826 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Skond l-appellant, l-ewwel Qorti kellha tassigura ruhha qabel xejn li l-Qorti Griega li tat is-sentenzi osservat il-koncett tal-“*audi alteram partem*”, li kienet kompetenti taghti dawk is-sentenzi li s-sentenzi u l-procedura adottata kienu kompattibli mal-ordni pubbliku Malti.

9. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan ir-ragunament tal-appellanti huwa, bir-rispett kollu, kompletament zbaljat ghaliex l-artikolu 826, 827 u 828 tl-Kap. 12 m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kaz odjern. L-appellat m’huwiex qieghed jipprova jesegwixxi f’Malta sentenza ta’ Qorti Civili moghtija minn Tribunal barrani. L-appellat lanqas ma qieghed jipprova jesegwixxi s-sentenzi kriminali in kwistjoni. Invece, huwa qieghed jindika dawk is-sentenzi bhala semplici prova tal-kontenut taghhom u cioe` li l-Qorti Griega sabet lill-appellant hati ta’ certi reati kriminali serji li jiskwalifikawh milli jibqa’ direttur ta’ kumpanija registrata Malta.

10. L-appellant jillamenta li l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta ikkunsidrat li l-fatti kontenuti fis-sentenzi kriminali esibiti kienu provata. Huwa jsostni li dawn ma kellhom l-ebda valur probatorju ghax m’humiex konformi mal-artikolu 628 tal-Kap. 12.

11. Apparti li l-Qorti ma tistax taqbel ma’ din is-sottomissjoni, fil-process hemm provi ohra, barra

dokumenti. L-ewwel Qorti kellha quddiemha hafna provi prodotti mill-kontendenti, u hija ghamlet l-apprezzament taghha dwarhom u gibdet il-konkluzjonijiet taghha. Certament, din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba dan l-apprezzament, jekk mhux ghal xi raguni gravi hafna – cirkostanza li zgur li ma tokkorrix f'dan il-kaz. Ghalhekk anke dan l-aggravju ma jistax jintlaqa`.

12. L-appellant jargumenta li, fi kwalunkwe kaz, ir-reati li jissemmew fis-sentenzi kriminali esibiti ma jiffigurawx fir-reati imsemmija fl-artikolu 125(b) tal-Kap. 168. Din il-Qorti, ikollha, ghal darb' ohra, ma taqbilx mal-appellant. Din il-Qorti fliet dawn is-sentenzi u jidhrilha li jekk mhux kollha, certament uhud minnhom, huma reati li jirrigwardaw il-fiducja pubblika u jiskwalifikaw – skond il-ligi imsemmija – li wiehed ikun direttur ta' kumpanija Maltija.

13. L-appellant jikkontendi li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma kellhiex tkun sodisfatta li kien hemm effettivament "kundanna" regolari kontrih billi l-istess sentenzi kriminali Griegi (a) inghataw meta hu ma kienx notifikat debitament bl-akkuzi kriminali in kwistjoni, (b) is-sentenzi kollha inghataw "in absentia" u (c) bl-eccezzjoni ta' wahda mis-sentenzi, kollha kemm huma m'ghadhomx esegwibbli billi ddekorra il-perjodu ta' ghaxar snin skond il-ligi Griega. L-appellant issottometta li:-
"L-Ordni Pubbliku ta' Malta jesigi li fi process kriminali, imputat ikun regolarment notifikat bl-att tal-akkuza, jkun fizikament prezenti ghall-process kriminali kollu u li jkollu l-assistenza legali opportuna. Dawn huma tlett konsiderazzjonijiet supremi fost affarijiet ohra sabiex jigi assikurat dritt ghall-"fair hearing", liema principji del resto huma sanciti mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, konvenzjoni li kemm Malta u l-Grecja ihaddnu".

14. Mill-kopja tal-passaport esibit mill-appellanti stess (ara per ezempju Fol. 109) jirrizulta li l-appellant hu ta' nazzjonalita` Griega ghalkemm jghix l-aktar l-Ingilterra. L-erbatax jew it-tlettax-il sentenza esibiti inghataw minn Qorti Griega fil-konfront ta' cittadin Griega skond il-

procedura tal-Kodici Penali Grieg. Il-Qorti Maltija m'hijiex qeghdha tintalab li "tesegwixxi" dawk is-sentenzi. Din il-Qorti ma tistax semplicement tinjorahom bhallikieku qatt ma ezistew, kif qed jistedinha taghmel l-appellant. Din il-Qorti ma tistax tissindaka il-procedura uzata mill-qrati Griegi meta ppronunzjaw dawk is-sentenzi ghaliex m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni jew kompetenza li taghmel hekk f'kawza ta' indole bhal ma hija dik odjerna, fejn l-indagini li trid issir hija unikament biex jigi stabbilit jekk hemmx jew le skwalifika ghall-hatra ta' direttur.

15. Ix-xhieda ta' Evangelos Drakopoulos (ara fol. 133 *et sequitur*), Avukat Grieg li ilu hamsa u ghoxrin sena jipprattika ta' avukat quddiem il-Qorti Suprema ta' Ateni fil-Grecja, taghti kummentarju car hafna fuq il-procedura uzata mill-Qorti Kriminali Griega fl-ghoti tas-sentenzi u fuq il-portata ta' l-istess sentenzi. Si tratta ta' reati serji li jinkwadraw ruhhom fir-reati kontemplati fl-artikolu 125(b) tal-Kap. 168.

16. Dwar il-kwistjoni sollevata mill-appellant illi s-sentenzi in kwistjoni ma ghadhomx aktar esegwibbli skond il-Ligi Griega, l-imsemmi xhud qal li trid issir distinzjoni bejn l-ezekuzzjoni tal-kundanna u l-kundanna nfisha fejn il-preskrizzjoni hija differenti. Ix-xhud qal hekk (fol. 138)
"The majority of these thirteen judgments I would say, I think eight or nine contemplated a prison sentence of over six months. For these although there is a prescriptive period of ten years, the record will remain in the penal records of the defendant for a period of a further twenty years after the ten year time bar period has actually elapsed. For those which are under six months the record remains in the penal registry for a period of only three years after the prescriptive period has elapsed."

17. Naturalment ghall-fini ta' l-imsemmi artikolu 15 tal-Kap. 168, l-importanti m'huwiex jekk is-sentenza gietx esegwita, jew tistax tigi esegwita jew le. L-importanti hija l-kundanna nnifisha billi l-artikolu jispecifika, "jekk ... tkun instabet hatja". Si tratta hawn l-aktar ta' ezami tal-kondotta tramite l-fedina penali ta' persuna biex tistabbilixxi jekk dik il-persuna tkunx instabet hatja tar-reati

imsemmija fl-istess artikolu. Il-Qorti tinnota li meta l-appellant gie rinfaccjat bil-provi li ressaq l-appellat, u senjatament ix-xhieda tal-imsemmi Avukat Drakopoulos, l-istess appellant ma pprezentax lil din il-Qorti kopja tal-fedina penali tieghu mahruga mill-pajjiz tan-nazzjonalita` tieghu, cioe` il-Grecja biex juri li issa ghandu kondotta netta.

18. Il-Qorti, fl-ahharnett tinnota li l-appellant ma ghamel xejn biex l-istess sentenzi jikkombattihom bil-procedura stabbilita fil-Grecja, il-pajjiz minn fejn emanaw. Huwa kellu d-dritt ta’ appell u d-dritt li jmur quddiem il-Qorti ta’ Kassazzjoni Griega, skond ix-xhieda tal-avukat Drakopoulos. Huwa ma ghamel xejn minn dan, hlief f’kaz wiehed biss, fejn gie intavolat appell izda billi ma deherx, l-appell gie dikjarat dezert. Minflok, l-appellant ittanta li jikkombatti l-istess sentenzi quddiem din il-Qorti, billi ressaq diversi kwistjonijiet difensjonali, li certament ma humiex ammessibli f’kawza ta’ din in-natura.

19. Minn dana kollu li din il-Qorti qalet sa issa johrog car li din il-Qorti tikkondividi l-operat tal-Qorti ta' l-ewwel grad li accettat it-tezi tal-attur in sostenn ta' l-ewwel talba. Taqbel ma' dik il-Qorti wkoll fost ragunijiet ohra, anke ghar-raguni li dik il-Qorti tat, li l-ewwel talba m’ghandhiex tintlaqa’, b’effett retroattiv, kif talab l-attur. Tinnota li l-attur appellat ma appellax minn din il-parti tas-sentenza u ghalhekk dina ghaddiet in gudikat.

20. Ghal dawn il-motivi: tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dana li t-terminu ta’ gimgha moghti lill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali ghall-publikazzjoni imsemmija fis-sentenza appellata, konformament mat-tielet talba attrici, ghandu jibda jiddekorri mil-lum. L-ispejjez kollha konnessi ma’ dana l-appell jibqghu a karigu tal-appellant Prokidis.

-------------------------------TMIEM-------------------------------